# It-Tilqima tal-H1N1

### X’jisimha t-tilqima li qed tingħata f’Malta?

It-tilqima jisimha *Pandemrix* u hi magħmula mill-GlaxoSmithKline (GSK). Il-*Pandemrix* hi approvata mill-European Medicines Agency (EMEA) biex tintuża fl-Ewropa għall-prevenzjoni tal-influwenza H1N1.

### It-tilqima hi effettiva?

It-tilqima toffri l-aħjar protezzjoni kontra l-influwenza H1N1.

### It-tilqima hi safe?

It-tilqima tal-H1N1 hi magħmula bħat-tilqima tal-influwenza staġjonali li tingħata minn sena għall-oħra. Qabel ġiet liċenzjata biex tintuża, l-istudji wrew li l-*Pandemrix* hi safe u effettiva. Barra minn hekk, minn meta bdiet tingħata f’dawn l-aħħar xhur, qed issir sorveljanza mill-qrib. S’issa ġew mogħtija 17-il miljun doża f’diversi pajjiżi fl-Ewropa tal-*Pandemrix*, u ma kienx hemm problemi serji għajr is-side effects li wieħed jistenna mit-tilqima tal-influwenza.

### X’inhuma s-side effects?

Rarament it-tilqima tista’ tagħti allerġija qawwija. Mill-bqija, is-side effects jistgħu ikunu uġigħ ta’ ras, uġigħ fl-għadam u l-muskoli, telqa, u uġigħ, ħakk u nefħa fejn tingħata t-tilqima, deni u sintomi oħra. Jekk ikun hemm bżonn jista’ jintuża l-paracetamol biex ittaffi l-uġigħ jew id-deni. Is-sintomi jgħaddu wara ġurnata jew tnejn.

### It-tilqima tista’ tikkawża l-influwenza?

Le bl-ebda mod, għax it-tilqima ma fihiex il-virus ħaj. Peress li f’dan iż-żmien hawn ħafna rjieħat u infezzjonijiet oħra, ma tkunx ħaġa kbira li min jieħu t-tilqima jimrad wara xi ġranet jew ġimgħat, imma dan m’għandu xejn x’jaqsam mat-tilqima.

### Min jista’ jieħu t-tilqima?

It-tilqima qed tingħata b’xejn fiċ-Ċentri tas-Saħħa lil kull min jixtieq jipproteġi lilu nnifsu u lill-uliedu mill-influwenza H1N1.

### Min ma jistax jieħu t-tilqima?

Tfal taħt is-sitt xhur ma jistgħux jieħdu t-tilqima. Jekk tkun marid bid-deni stenna li jgħaddilek qabel tieħu l-vaċċin. It-tilqima ma tistax tingħata f’dawk il-persuni li għandhom allerġija qawwija għall-bajd jew li kellhom allerġija serja għal tilqim ieħor.

### X’għandi nieħu miegħi?

Fil-każ tat-tfal, ħu miegħek il-ktieb tat-tilqim. It-tfal iridu jkunu akkumpanjati mill-omm jew il-missier, jew adult li jrid juri l-kunsens bil-miktub minn wieħed mill-ġenituri flimkien mal-karta tal-identità ta’ min jagħti l-kunsens.

### Għaliex għandi nieħu t-tilqima?

Għax għalkemm l-influwenza H1N1 mhix marda serja għall-parti l-kbira tan-nies li jimirdu biha, xi wħud jiżviluppaw komplikazzjonijiet tant li jkollhom jiddaħħlu l-isptar. Barra minn hekk l-influwenza H1N1 waslet ukoll għal imwiet, mhux biss f’dawk li kellhom problemi ta’ saħħa kroniċi imma anke f’persuni f’saħħithom. Fl-Amerika biss mietu ‘il fuq minn elf tifel u tifla bl-H1N1. Għal din ir-raġuni id-Dipartiment tas-Saħħa qed jirrakkomanda t-tilqima tal-influwenza H1N1 lil kulħadd.

### Fejn nista’ nsib aktar tagħrif?

- CDC (Center for Disease Control and Prevention, USA) link
- ECDC (European Centre for Disease Prevention and Control) link
- EMEA (European Medicines Agency) link

© 28th January 2010 Dr Joseph Mizzi – josephmizzi@onvol.net